**FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**

**Gudikatur: Dr. Claudio Żammit**

**Seduta ta' nhar it-Tnejn, 20 ta' Jannar 2020**

**Talba Nru: 232/19 CZ**

**Joseph Celeste pro. et noe.**

**vs.**

**Joeline Grima**

**It-Tribunal,**

Ra t-talba tal-attur imressqa fis-27 t'Awwissu 2019 fejn premetta:

L-attur pro. et noe. qed jitlob li l-konvenuta tigi kundannata thallsu s-somma ta' tliet mija u hamsa w ghoxrin Euro (€325) bilanc ta' somma akbar rapprezentanti prezz ta' mobile u television lilha mibjugha u konsenjati.

Bl-ispejjez komprizi dawk ta' zewg ittri interpellatorji u bl-imghax legali kontra l-konvenuta minn issa ingunta ghas-subizzjoni.

Ra li l-konvenuta, debitament notifikata, ma pprezentatx risposta u lanqas dehret quddiem it-Tribunal fl-ebda seduta.

Ra l-Kapitolu li gie pprezentat mill-attur fis-seduta tat-13 ta' Jannar 2020.

Ikkunsidra l-fatt illi l-konvenuta naqset li tidher sabiex tirrispondi ghall-Kapitolu. In-nota tal-mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra.

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tal-attur tirrizulta sodisfacentement pruvata, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenuta thallas lill-attur is-somma ta' tliet mija u hamsa w ghoxrin Euro (€325) bl-imghaxijiet legali kif mitluba sal-hlas effettiv.

L-ispejjez u drittijiet, ikunu a karigu tal-konvenuta.

**Dr. Claudio Zammit**

**Gudikatur**

Mary Josette Musu'

Deputat Registratur